MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Numru 28/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Paul Caruana**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Paul Caruana** ta' 59 sena, iben il-mejtin Isidoro u Maria xebba Borg, imwieled ir-Rabat (Malta) nhar it-13 ta' Gunju, 1946, residenti 'MarPaul', Nru. 7, Triq il-Mahlut Hal-Lija , detentur tal-karta tal-identita' numru 514246M;

Talli fit-28 ta’ Settembru, 2005, ghall-habta tal-10:10pm, waqt li kont go Trejqet il-Kjeriku Gakbu Abela gewwa Hal-Lija u f’dawn il-Gzejjer minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqighed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunajt ferita ta’ natura gravissima fuq il-persuna ta’ leonard Weller ID 25098(A) hekk kif iccertifikat Dr. Glorianne Briffa M.D. ta’ l-Isptar San Luqa, liema ferita x’aktarx tikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba l-piena applikabbli skond il-Ligi, tapplika l-art. 383, 384 u 385 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Leonard Weller ID 25098(A) u l-familja tieghu.;

Semghet il-provi kif ukoll l-ammissjoni tal-imputat maghmulha fil-mori tal-kawza;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata;

Wara li rat l-artikoli 214, 216 (1) (a)(ii) u 218 tal-Kap 9.

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat, tqis illi piena karcerarja mhix addattata u ghalhekk wara li staqsiet lill-imputat jekk kienx dispost li joqghod taht kondizzjonijiet f’kaz li jkun liberat b’kundizzjoni, minflok li tikkundannah, il-Qorti qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor sa zmien tlett snin mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446. Inoltre, il-Qorti qed tobbligah ma jimmolestax u/jew ma jdejjeqx lill Leonard Weller fuq penali ta’ mitt lira multa fin-nuqqas ghal-zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk jikser dawn l-obbligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------